MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 181/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-kontendenti zzewgu nhar l-14 ta' Gunju 1998 (Dok A), u minn dan iz-zwieg hemm tifel Mavrick li ghadu minorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Carmel Gafa u datat tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) (Dok B);

Illi m'hemm l-ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti stante illi minbarra li ilhom separati minn xulxin ghal dawn l-ahhar tmien snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ifformaw rabtiet ma persuni ohra u ghandhom familja gdida;

Illi l-esponenti ddekadew mid-dritt reciproku tal-manteniment b'dan pero illi l-manteniment dovut mill-esponent lil martu Dorian Farrugia ghal binha minuri qieghed jithallas regolarment skond il-kuntratt tas-separazzjoni (Dok B);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' April, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati

mit-12 ta' Jannar, 2005 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------